## DAN HU L-MUMENT

Iż-żmien jgħaddi bla jistenna
Bħas-sħab jiġri bla dewmien
Bdejna naħsdu dak li żrajna
Ftit snin ilu int u jien

Ma bżajniex nilqgħu l-isfidi
Ftaħna beraħ il-bibien
Id f'id ħdimna biex wasalna
Issa naqsmu l-ġid flimkien

**Dan hu l-mument l'emminna fih**
**Daż-żmien sabiħ kemm stennejnieh**
**Qalb waħda lkoll Maltin w Għawdxin**
**Wiċċna merfugħ bil-ġid kburin**

**Dan hu l-mument b'ħarsa 'l quddiem**
**Dan żmien il-ġid mhux biss il-kliem**
**Nibzgħu għalih ma nħarsu mkien**
**Għajr lejn ġid akbar fil-ġejjien**

B'sagrifiċċju w ħila kbira
Ma bqajniex f'xifer l-irdum
L-għażla għaqlija li għamilna
Bdiet tagħtina l-frott mil-lum

Lil kull sfida aħna għelibna
Beda ġej l-investiment
Kemm kien għaqli li warrabna
Tal-kulur kull sentiment

**Dan hu l-mument l'emminna fih**
**Daż-żmien sabiħ kemm stennejnieh**
**Qalb waħda lkoll Maltin w Għawdxin**
**Wiċċna merfugħ bil-ġid kburin**

**Dan hu l-mument b'ħarsa 'l quddiem**
**Dan żmien il-ġid mhux biss il-kliem**
**Nibżgħu għalih ma nħarsu mkien**
**Għajr lejn ġid akbar fil-ġejjien**

Nibqgħu fit-triq li qbadna u naħdmu maqgħudin
Ha nkattru l-gid li ħloqna fis-snin illi ġejjin

**Dan hu l-mument l'emminna fih**

**Dan hu l-mument l'emminna fih**
**Daż-żmien sabiħ kemm stennejnieh**
**Qalb waħda lkoll Maltin w Għawdxin**
**Wiċċna merfugħ bil-ġid kburin**

**Dan hu l-mument b'ħarsa 'l quddiem**
**Dan żmien il-ġid mhux biss il-kliem**
**Nibzgħu għalih ma nħarsu mkien**
**Għajr lejn ġid akbar fil-ġejjien**
**Dan hu l-mument**